

Brussell, 1 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11696/22

SOC 455
EMPL 299

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali Ftra tas-Sa Cristina BURZI, membru supplenti għall-Italja, minflok is-Sa Silvia BOLOGNINI, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Silvia BOLOGNINI bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Italja).
2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004¹ li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020², il-ħatriet huma validi għal perijodu ta' ħames snin.

¹ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

² ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Italja nnomina lill-kandidata li ġejja biex tiegħu post il-membri supplenti li rriżenjat għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025:

Is-Sa Cristina BURZI
Officer - Division V
Directorate General for Social Security and Insurance Policies
Ministry of Labour and Social Policies
Via Flavia, 6 - 00187 Rome
Tel. +39 06 46834785
Email: cburzi@lavoro.gov.it

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta'
li tissostitwixxi membru supplenti
tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali³, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2020⁴ u tad-19 ta' Ottubru 2021⁵, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perijodu li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Silvia BOLOGNINI, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern tal-Italja nnomina kandidata għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

⁴ ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

⁵ ĠU C 427 I, 22.10.2021, p. 11.

Artikolu 1

Is-Sa Cristina BURZI hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sa Silvia BOLOGNINI, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President
